**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 29 ta' Novembru, 2018**

**Rikors Revoka Nru: 145/2017 AF**

Fl-Atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni 796/2016

**Karkanja Developments Limited (C-34155)**

**vs**

**Emanuel Galea**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Emanuel Galea.

Rat id-dokument anness.

Rat it-twegiba ta' Karkanja Developments Limited.

Rat l-atti kollha inkluz l-atti tal-mandat ta' inibizzjoni 796/2016 li tieghu qed tintalab ir-revoka.

Semghet lid-difensuri.

Rat li r-rikors thalla ghal digriet in camera.

Ikkunsidrat illi r-rikors odjern huwa identiku ghal rikors ta' Paul Galea, Joseph Galea u Helen Galea li huma ko-proprjetarji tal-immobbli milquta bil-mandat. Il-kawzali li fuqu msejjes dan ir-rikors, u t-twegiba tas-socjetà Karkanja huma identici. Ghaldaqstant il-Qorti qeghda taghmel pjena referenza ghad-digriet taghha moghti llum stess fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni 797/2016 u tqis li jghoddu wkoll ghar-rikors biex jithassar il-mandat numru 796/2016.

Ghaldaqstant il-Qorti tiddisponi minn dan ir-rikors billi tichad it-talbiet kollha ta' Emanuel Galea.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali fil-kawza fil-mertu bejn il-partijiet.

IMHALLEF